MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 121/2008

**Eden Lesiure Group Limited (Company Registration Number (C 4529).**

**vs.**

**Korporazzjoni Enemalta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` Eden Leisure Group Limited datat 7 ta’ Frar 2008 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi Ian De Cesare jokkupa l-kariga ta' direttur manigerjali tas-socjeta` rikorrenti u huwa edott mill-fatti tal-kawza odjerna.

Illi s-socjeta' rikorrenti kienet u hija s-sid u l-operatur tal-fond kummercjali maghruf bhala Eden Super Bowl liema fond huwa sitwat gewwa Triq Santu Wistin ,San Giljan.

Illi ghall-habta ta’ xi jiem qabel it-3 ta' Awwissu, tas-sena 2000 impjegati tal-Korporazjoni intimata accedew fuq il-post imsemmi sabiex jaghmlu xi xoghol fuq wiehed mill-*meters* tad-dawl lokati gewwa l-fond proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti.

Illi in segwitu u cioe` fit-3 ta' Awwissu, 2000 impjegati tas-socjeta` intimata regghu accedew fuq il-post u allegaw li kien hemm ksur ta' sigilli u suspett ta' serq ta' kurrent elettriku u sejhu fuq il-post ufficjali tal-Pulizija mill-Ghassa ta’ San Giljan li da parti taghhom gharrfu lill-Magistrat tal-Ghassa sabiex tigi struita inkjesta magisterjali.

Illi l-Magistrat inkwirenti innomina bhala Perit Tekniku lil Philip Zammit li mill-ewwel ecceda fuq il-post in kwistjoni, sema’ xi xhieda u ha diversi ritratti.

Illi wara l-imsemmija inkjesta s-socjeta` rikorrenti qatt ma giet infurmata bl-ezitu tal-investigazzjoni u dan sa xi zmien f’Novembru tal-2004 meta l-esponenti Ian De Cesare ircieva citazzjoni mahruga mill-Pulizija esekuttiva sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex iwiegeb ghall-akkuzi ta' serq ta' kurrent eletriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni intimata fl-ammont ta' mija u sittax-il elf erba’ mija u tmienja u sittin ewro u sitta u sittin centezmi (€116,468.66) jew hamsin elf lira maltin (Lm50,000).

Illi s-socjeta` rikorrenti b'mod immedjat talbet u ottjeniet laqgha mal-oghla ufficjali tal-korporazzjoni intimata fosthom ic-*Chairman* Tancred Tabone u dan unikament bl-iskop illi tigi ccarata l-posizzjoni u dan *in vista* tas-serjeta` tal-akkuzi migjuba u minhabba l-fatt illi l-esponenti Ian de Cesare kien ferm inkwetat minhabba l-posizzjoni tieghu ta' *Chairman* ta' kumpanija registrata fil-Borza ta' Malta kif ukoll direttur ta' diversi kumpaniji ohra maghrufa sew b'mijiet ta' impjegati.

Illi *nonostante* illi l-istess De Cesare u s-socjeta` rikorrenti baqghu jinnegaw u jichdu illi sar xi tbabis u/jew serq ta' elettriku kif kien qed jigi allegat u sahansitra resqu konsulenti indipendenti sabiex jirribattu l-allegazzjonijiet tal-korporazzjoni intimata.

Illi Ian De Cesare, bhal ma gja` spjegat jokkupa diversi karigi gholjin f'diversi kumpaniji fosthom dik ta' *Chairman* ta' Eden Finance plc liema socjeta` hija kwotata fil-Borza ta' Malta u ghalhekk ried li akkost ta' kollox jevita t-tkomplija tal-proceduri kriminali u dan *nonostante* l-fatt li huwa kien jaf u kien konvint li huwa kien bla htija u ma sarx ebda serq kif allegat u li seta` jipprova dan kollu quddiem il-Qorti.

Illi b'mod assurd u minghajr ebda prova teknika l-ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta presenti fil-laqgha pproponew illi kienu disposti li jwaqqfu I-kaz f'kaz illi s-socjeta` rikorrenti taccetta li thallas is-somma ta' sittax-il elf tliet mija u hames ewro u wiehed u sittin centezmu (€16,305.61) jew sebat elef lira maltin (Lm7,000) a saldu u dan minflok is-somma ta'  mija u sittax il-elf erba' mija u tmienja u sittin euro u sitta u sittin centezmi (€116,468.66) jew hamsin elf liri maltin (Lm50,000) allegatament misruqa liema mis-socjeta` rikorrenti.

Illi *in vista* tac-cirkostanzi personali tad-direttur Ian De Cesare gja' elenkati s-socjeta` rikorrenti giet kostretta taccetta li thallas is-somma sittax-il elf tliet mija u hames ewro u wiehed u sittin centezmu (€16,305.61) jew sebat elef liri maltin (Lm7,000) u dan skont ma kif jirrizulta mill-iskrittura privata li giet redatta kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala "Dok A".

Illi *nonostante* l-istess ftehim, il-kawza kriminali kontra Ian De Cesare tkompliet u l-prosekuzzjoni ressqet ix-xhieda taghha.

Illi fost ix-xhieda tal-prosekuzzjoni gie ngunt sabiex jixhed l-espert tekniku li kien gie nominat mill-magistrat inkwirenti fit-3 ta' Awwissu, 2000 Philip Zammit illi xehed u kkonferma bil-gurament tieghu illi huwa ma sab li gie

kommess ebda serq anzi kien tal-fehma illi n-nuqqas li kien hemm kien attribwibbli lill-impjegati tal-Enemalta u fil-fatt esebixxa kopja tar-rapport tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok “B”.

Illi l-Qorti tal-Magistrati, rinfaccjata bil-konkluzjonijiet tal-istess rapport ghaddiet sabiex tiddikjara illi ma kienx lanqas jesisti kaz *'prima facie'* fil-konfronti ta' Ian De Cesare u b'decizjoni tal-5 ta' April 2006 ghaddiet sabiex tillibera lill-istess minn liema sentenza ma giex intavolat ebda appell mill-prosekuzzjoni.

Illi in segwitu s-socjeta` attrici tablet rifuzjoni tas-somma ta'
sittax-il elf tliet mija u hames ewro u wiehed u sittin centezmu (€16,305.61) jew sebat elef liri maltin (Lm7,000) minnha mhallsa *in vista* ta' dak li rrizulta wara li giet iffirmata l-imsemmija skrittura.

Illi *nonostante* dan kollu s-socjeta` intimata qed tirrifjuta li taghmel tali rifuzjoni billi qed tibbaza r-rifjut taghha fuq il-kontenut tal-iskrittura tat-22 ta' Novembru, 2004 liema skrittura giet in effetti ffirmata minn Ian De Cesare ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti unikament minnhabba c-cirkostanzi personali tieghu sabiex jipprova jevita l-proceduri kriminali.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens tas-socjeta` rikorrenti ghall-iskrittura tat-22 ta' Novembru, 2004 mertu tal-presenti gie hekk moghti bi zball fuq is-sustanza tal-haga mertu tal-istess u/jew bi vjolenza.

2. Tiddikjara l-istess skrittura bhala nulla u bla effett prevja kull dikjarazzjoni ta' rexissjoni u *occorrendo* tinnomina kuraturi deputati biex jidhru ghall-korporazzjoni intimata jekk ikun il-kaz li jehtieg li tigi redatta skrittura ta' rexissjoni.

3. Konsegwentement tordna lill-istess Korporazzjoni Intimata trodd lura lil dik rikorrenti s-somma ta’ sittax-il elf tliet mija u hames ewro u wiehed u sittin centezmu (€16,305.61) jew sebat elef liri maltin (Lm7,000) flimkien mal-imghax legali dekors mid-data tal-pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti minn fol. 5 sa fol. 24 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta’ April 2008.

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta datata 29 ta’ Frar 2008 a fol. 30 tal-process fejn ecceppiet:-

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante

2. Illi preliminarjament, l-ammont indikat mir-rikorrent *in* ewro bhala ekwivalenti ghal sebat elef Lira Maltija (Lm7,000), huwa zbaljat u ghandha ssir id-debita korrezzjoni, *stante* illi l-ammont in euro ghandu jkun ta' sittax-il elf tliet mija u hames ewro u wiehed u sittin centezmu (€16,305.61c) u mhux mija u sittax-il elf erba' mija u tmienja u sitting ewro u sitta u sittin centezmu (€116,468.66) kif indikat mir-rikorrent fit-tielet talba u anke fil-korp tar-rikors.

3. Illi ukoll preliminarjament it-talba tar-rikorrent hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 1027 tal-Kodici Civili, (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).**

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-ftehim bejn il-partijiet datat 22 ta' Novembru 2004, huwa perfettament validu u legittimu, *stante* illi l-partijiet waslu ghal ftehim minghajr ma giet ezercitata ebda pressjoni u wisq anqas vjolenza fuq ir-rikorrent illi ffirma liberalment l-ftehim, ben konsapevoli mill-fatti kollha tal-kaz in kwistjoni

u effettwa l-pagamenti dovuti liberament u ghaldaqstant kwalsiasi allegazzjoni ghal kuntrarju ta' dan hija nfondata u ma jissussistux l-elementi ghal kwalsiasi rifuzjoni da parti tal-Korporazzjoni ntimata;

5. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammonti mhallsa mir-rikorrent kienu dovuti lill-Korporazzjoni ntimata in kwantu konsum ta' elettriku fil-fond in kwistjoni.

Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost, il-Korporazzjoni Enemalta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bhala nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt;

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument anness (Dok “EN 1”) tal-Korporazzjoni Enemalta a fol. 31 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti nkluza dik mizmuma fid-9 ta’ April 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Damian Degiorgio ghall-Korporazzoni nvoluta u Dr. George Cutajar li talab korrezzjoni senjatament fil-paragrafu 11 u 15 tar-rikors promotorju kif ukoll fit-talba numru 3 fl-istess rikors u dan billi fejn jokkorru c-cifri u n-numru €116,468.66 jigu sostitwiti bic-cifri u l-kliem €16.305.61 (sittax-il elf tliet mija u hames ewro u wiehed u sittin centezmu). Dr. Degiorgio ma opponiex. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni. Dr. Degiorgio ghall-Korporazzjoni nvoluta ta ruhu b’notifikat bir-rikors guramentat kif korrett. Id-difensuri tal-partijiet qablu li r-relazzjoni peritali Dok “B” giet prezentata fil-Qorti f’April 2006. Il-partijiet qablu wkoll illi Ian De Cesare jokkupa l-kariga ta’ Chairman ta’ Eden Finance p.l.c. socjeta` kkwotata fil-Borza ta’ Malta. Il-Qorti nnominat lill Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Mamo sabiex tisma’ l-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli bix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti pprezentati.

Rat il-verbal tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2009 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Marzu 2010 bil-fakolta` li s-socjeta` attrici tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet fi zmien tletin (30) gurnata bin-notifika/*visto* lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata ghan-nota taghhom.

Rat in-nota ta'osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici datata 26 ta' Jannar a fol.108 tal-process.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta datata 12 ta' Frar 2010 a fol.113 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza ghal dikjarazzjoni ta' nullita` ta' skrittura ffirmata bejn il-kontendenti fejn is-socjeta` rikorrenti qeghda ssostni li l-kunsens taghha kien ivvizzjat bi zball fis-sustanza u bi vjolenza, u b'hekk qed titlob li tigi rifuza s-somma illi hallset fuq l-istess skrittura, flimkien ma l-imghax, b'konsegwenza tan-nullita` ta' din l-istess skrittura.

Illi da parti taghha, il-Korporazzjoni intimata qeghda tiddefendi ruhha mit-talbiet attrici permezz ta' numru ta' eccezzjonijiet. Fuq bazi preliminari, qeghda tikkontendi illi t-talbiet rikorrenti huma preskritti u fil-mertu, qeghda tiddefendi ruhha billi tghid illi l-ftehim huwa perfettament validu u legittimu, peress illi l-partijiet waslu ghal ftehim minghajr ma giet ezercitata ebda pressjoni u wisq anqas vjolenza fuq id-direttur tas-socjeta` rikorrenti ffirma l-ftehim b'mod liberu, kien jaf illi fatti kollha tal-kaz u effettwa l-pagamenti dovuti liberament. Il-Korporazzjoni intimata teccepixxi ukoll illi fi kwalunkwe kaz l-ammont imhallas

mir-rikorrent kien dovut lill-Korporazzjoni in kwantu kien jirrifletti il-konsum ta' elettriku fil-fond in kwistjoni.

Illi mill-provi mressqa jirrizulta bhala fatt li l-partijiet dahlu fi ftehim datat 22 ta’ Novembru 2004 (Dok. “A” a fol. 5) fejn huma ppremettew illi l-Korporazzjoni intimata sabet konsum mhux irregistrat ghal perjodu qabel Awissu tas-sena 2000 fl-istabbiliment Eden Super Bowl, proprjeta` tas-socjeta’ rikorrenti, liema konsum gie kkwantifikat fis-somma ta’ LM7,000. Il-Korporazzjoni premettiet ukoll illi hija kienet sodisfatta illi la s-socjeta` rikorrenti u lanqas id-direttur taghha Ian DeCesare ma kellhom intenzjoni li jaghmlu dan l-imsemmi konsum mhux registrat.

Illi permezz ta’ din l-iskrittura, l-partijiet ftiehmu illi l-Korporazzjoni ma kellha l-ebda pretensjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti u s-socjeta` rikorrenti intrabtet illi thallas is-somma ta’ LM7,000 illum €16,305.61. Il-Korporazzjoni min-naha taghha ntrabtet ukoll illi tinforma lill-Pulizija illi hija ma kellha l-ebda interess fil-prosegwiment tal-proceduri kriminali istitwiti quddiem il-Qorti tal-Magistrati kontra id-direttur tas-socjeta` rikorrenti Ian Decesare. Illi jidher pero` bhala fatt mhux ikkontestat illi dawn il-proceduri kontra l-istess Ian DeCesare ma setghux jigu rtirati jew jitwaqqfu mill-istess Korporazzjoni. Jirrizulta wkoll illi d-direttur tas-socjeta` rikorrenti gie illiberat minn kull akkuza.

Illi s-socjeta` rikorrenti tidher qeghda tibbaza l-azzjoni taghha kontra l-Korporazzjoni intimata fuq il-premessa, illi skont hija, d-direttur manigerjali taghha, Ian De Cesare, kien kostrett jiffirma din l-iskrittura u jhallas is-somma ta’ LM7,000 minhabba l-biza` tar-riperkussjonijiet illi dawn il-proceduri seta’ jkollhom fuq karigi ohra illi huwa kellu f’dak il-perjodu.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta hija li t-talbiet attrici huma preskritti skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1027 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** illi jipprovdi illi:-

*"L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun inghata minghajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqghet bil-preskrizzjoni bis-sahha tad-disposizzjonijiet migjuba taht it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball."*

Illi dan l-artikolu fil-fatt jipprovdi ghal terminu preskrittiv ta' sentejn fuq l-azzjoni li wiehed jista' jressaq meta jaghti xi haga minghajr ma jmiss – *indebiti solutio*. Wiehed pero` irid joqghod attent illi din l-azzjoni ma tigix konfuza ma' azzjoni ghal dikjarazzjoni ta' nullita` minhabba vizzju fil-kunsens kif inhi fil-fatt l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti – azzjoni mressqa abbazi tal-**artikoli 974** *et seq.* **tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** u abbazi tal-**artikoli 1209** *et seq.* **tal-Kap. 16**. It-termini ta' preskrizzjoni ghal talba ghal rexissjoni li ssir minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età jidher li huwa provdut fl-**artikolu 1222 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** liema artikolu ma' giex invokat mill-Korporazzjoni intimata, u allura din il-Qorti ma tistax tapplika dan l-artikolu minflok dak invokat mill-intimata u dan minhabba l-gurisprudenza konstanti li tipprovdi li l-unika preskrizzjoni li tista' tigi milqugha jew ikkunsidrata hija dik imqajjma mill-konvenuti.

Illi fil-fatt huwa risaput illi l-Qorti ma ghandhiex la tqajjem kwistjonijiet ta' preskrizzjoni *ex officio* u lanqas ghandha, meta l-artikolu invokat ma jkunx applikabbli, tindika u/jew tapplika l-artikolu illi kellu minflok jigi invokat ghall-kaz in ezami, u dan jinsab ikkonfermatg fis-sentenza fl-ismijiet **"Atlas Insurance Agency Limited nomine vs Gollcher Company Limited"** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003) fejn gie ribadit illi l-Qorti ma tistax tissuplixxi hi n-nuqqas tal-eccipjenti meta jonqos illi jindika liema terminu preskrittiv qieghed jinvoka. Tant iehor fil-kaz in ezami, il-Qorti ma tistax tissupplixxi n-nuqqas tal-intimata li tapplika l-artikolu li jista' jkun applikabbli ghall-kaz in ezami. Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Cassar noe vs Sunny Muscat"** (A.I.C. (PS) – 28 ta' April 2004):-

*"...ma kien xejn lecitu illi l-ewwel Qorti tindaga u tistabilixxi jekk ghall-fatti in ezami kienetx applikabbli xi preskrizzjoni ohra, peress illi kif ritenut, "il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f'materja ta' preskrizzjoni, ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza, u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fondamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik ghandha tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk kienx hemm xi preskrizzjoni li tista' tkun applikabbli, peress illi hija materja kollha ta' kuxjenza. (Kollez Vol XXXIII pI p481)".*

Illi dan kollu necessarjament ifisser illi ritwalment il-gudikant ma jistax jirricerka *'ex ufficio'* il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni, hekk riservata *'ope legis'* lill-parti interessata biss, jew li jassumi hu dawn l-istess fatti fid-decizjoni tieghu bl-iskop li jiddikjara l-preskrizzjoni tad-dritt meta l-ebda deduzzjoni specifika ma saret f'dan is-sens mill-parti konvenuta. Xort'ohra, il-process mhux biss ikun anti-guridiku in kwantu jmur kontra disposizzjoni espressa tal-ligi izda, fil-fehma ta' din il-Qorti, jimporta wkoll vjolazzjoni tal-principju tal-kontradittorju, sostrat ta' kull azzjoni, in kwantu l-parti attrici ma tkunx lanqas inghatat l-opportunita` tivvaluta l-preskrizzjoni sollevata mill-Qorti fis-sentenza u ggib, skond l-ghodod procedurali konsentiti lilha, provi u sottomissjonijiet validi li kapaci jinnewtralizzaw dik l-istess preskrizzjoni.

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 1027 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** qieghda tigi respinta ghar-ragunijiet premessi.

Illi l-Qorti ser tghaddi issa sabiex taghmel kunsiderazzjonijiet dwar il-mertu u cioe` ser tghaddi biex tikkunsidra il-pretensjonijiet attrici jekk fil-fatt kienx hemm vizzju fil-kunsens tas-socjeta` rikorrenti meta hija iffirmat l-iskrittura tat-22 ta' Novembru 2004 minhabba vjolenza u/jew zball fis-sustanza.

Illi jrid jinghad fl-ewwel lok illi l-kunsens f'kuntratt huwa wiehed mill-erba' rekwiziti essenzjali ta' kuntratt (**artikolu 966 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**) u kull ftehim li fih

tkun nieqsa xi wahda minn dawn ir-rekwiziti essenzjali hu suggett ghar-rexxissjoni (**artikolu 1212 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Illi in kwantu ghall-vizzju fil-kunsens minhabba vjolenza, il-ligi permezz tal-**artikolu 977 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** tipprovdi illi:-

*"Il-vjolenza wzata kontra dak li jkun intrabat bl-obbligazzjoni hija motiv ta' nullità, ukoll jekk dik il-vjolenza tkun giet maghmula minn wiehed iehor li ma jkunx dak li favur tieghu tkun saret l-obbligazzjoni."*

Illi l-**artikolu 978 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi meta ghandu jitqies illi kunsens ttiehed bi vjolenza u dan fis-sens illi:-

*"Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggeghilha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira".*

*F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna."*

Illi huwa car illi fil-kaz in ezami s-socjeta` rikorrenti ma hijiex issostni illi kien hemm vjolenza fizika u ghalhekk qeghdin fil-kamp ta' vjolenza morali. Il-Qrati gew diversi drabi affaccjati bi kwistjonijiet ta' din in-natura u f'dan ir-rigward gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet **"Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo"** (Vol. XXIX Pt. II pg. 749) illi:-

*"Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi ... ... Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagni li hija mhollija interament fil-prudenza tal-gudikant".*

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **“Frank Xavier Aquilina vs Carlo Leone Ganado et”** (A.C. - 16 ta’ Gunju 1995) irriteniet illi:-

*“Hu car pero` illi l-ezercizzju ta’ dritt jew anke l-pretenzjoni ta’ dritt kontra terz fl-ambitu ta’ proceduri gudizzjarji bl-ebda*
*mod ma jista’ jitqies bhala element kostituttiv ta’ vjolenza morali fit-termini tal-ligi. Fejn dak id-dritt jezisti ... ... – il-kreditur kien pjenament gustifikat li jezercitah u d-debitu ma jistax javanza l-pretensjoni li l-effett negattiv ta’ l-ezercizzju ta’ dak id-dritt kien tant serju li seta’ jigi kkwalifikat bhala xi forma ta’ vjolenza morali fuqu”.*

Illi ta’ relevanza ghal dan il-punt huma wkoll is-sentenzi, fost ohrajn, fl-ismijiet **“Rita mart Michael Debono vs Lombard Bank plc et”** (A.C. – 9 ta’ Jannar 2009) u **“Anthony sive Tony Aquilina et vs Av. Dottor Anthony H. Farrugia nomine”** (P.A. (RCP) – 22 ta’ Mejju 2001).

Illi ukoll din il-Qorti tinnota illi mhux bizzejjed illi l-vjolenza tkun wahda determinanti, ingusta, gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna gusta u ragjonenvoli, izda l-vjolenza trid tkun ezercitata mill-persuna illi otteniet il-kunsens (ara fost ohrajn **“Carmel Farrugia vs Alexandra Farrugia”** (P.A.(R.C.P.) – 6 ta’ Marzu 2003)).

Illi applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami u mill-provi mressqa, jidher car illi l-Korporazzjoni intimata fl-ebda mument ma ezercitat vjolenza fuq is-socjeta` rikorrenti sabiex hija taghti l-kunsens taghha fuq ghall-ftehim tat-22 ta’ Novembru 2004. Is-socjeta` rikorrenti ssostni illi min-naha taghha hija kienet bezghana u preokkupata illi l-proceduri illi ttiehdu kontra d-direttur manigerjali taghha Ian DeCesare kienu ser jeffettwawh hazin fil-karigi li kellu f’dak il-perjodu, biza` illi bl-ebda mod ma tista’ tinghad illi kienet ir-rizultat ta’ xi vjolenza morali ezercitata mill-kontro-parti.

Illi, kif gie osservat iktar ‘il fuq, is-semplici fatt illi kreditur jhedded illi ser jiehu proceduri gudizzjarji kontra d-debitur, ma huwiex meqjus illi jammonta ghal vjolenza morali. Fil-

kaz in ezami, id-direttur tas-socjeta` rikorrenti kien diga` rcieva c-citazzjoni ghall-proceduri kriminali u ghalhekk, jekk semmai kien hemm f'xi mument theddida, meta giet iffirmata l-iskrittura lanqas kienet ghad hemm din it-theddida peress illi l-Korporazzjoni kienet diga` pprocediet kontra tieghu. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkondividi t-tezi tas-socjeta` rikorrenti illi l-kunsens tas-socjeta` rikorrenti huwa vvizzjat bi vjolenza, b'dan li t-talbiet attrici in kwantu msejjsa fuq din il-bazi qed jigu michuda.

Illi *inoltre*, kif inghad iktar 'il fuq, is-socjeta` rikorrenti qeghda tikkontendi illi l-kunsens taghha huwa vvizzjat minhabba zball fis-sustanza. Il-ligi f'dan is-sens, permezz tal-**artikolu 976 tal-Kap. 16,** tipprovdi illi:-

*"(1) L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullità tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim.*

*(2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-izball jaqa' biss fuq il-persuna li maghha jkun sar il-ftehim, hlief meta l-ghazla ta' dik il-persuna tkun il-kawza ewlenija ta' dak il-ftehim."*

Illi s-socjeta` rikorrenti ssostni illi hija dahlet fil-ftehim u ntrabtet illi thallas is-somma miftiehma u min-naha taghha l-Korporazzjoni kellha taghlaq il-kwistjoni dak in-nhar (affidavit ta' Ian Decesare – Dok. "IDC" a fol. 39 *et seq*). Jirrizulta pero` illi l-proceduri kriminali ma setghux jigu rtirati. Irid jinghad illi dak stipulat fil-ftehim tat-22 ta' Novembru 2004 huwa car. Fil-fatt jidher li l-istess Korporazzjoni ntimata ntrabtet illi tinforma lill-Pulizija Ezekuttivia illi ma kellhiex interess ulterjuri fil-proceduri u dan kif fil-fatt ghamlet (xhieda ta' l-Avukat Damien Degiorgio a fol. 86).

Illi fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti ma tikkondividix il-hsieb illi seta' kien hemm vizzju fil-kunsens ghax Ian DeCesare seta' kellu xi zball dwar is-sustanza ta' dan l-istess ftehim kif allegat mis-socjeta' attrici meta fl-opinjoni tal-Qorti l-ftehim innifsu huwa daqshekk car f'dan ir-rigward.

Illi dan apparti l-fatt li jidher li lanqas huwa kkontestat li s-somma miftiehma u li thallset mis-socjeta' attrici kienet tirraprezenta konsum mhux rregistrat fl-istabbiliment Eden Super Bowl. Ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti jirrizulta illi ftehim kien car u z-zewg partijiet kienu ben konxji tal-fatti u mis-sustanza tal-ftehim, kemm ghaliex il-ftehim kien car u mhux anqas ghaliex il-partijiet rispettivament kienu wkoll legalment assistiti sabiex jifhmu l-konsistenza u l-konsegwenzi tal-istess ftehim.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tinnota li ma huwiex bizzejjed illi parti f'kawza ssostni illi kien hemm zball fis-sustanza izda tonqos milli fil-fatt tipproduci provi univoci, konluzivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet taghha (ara f'dan is-sens **"Gourmet Co. Limited vs Vella"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001) u s-sentenza ricenti fl-ismijiet **"Rita Debono vs Lombard Bank p.l.c"** (A.C. – 9 ta' Jannar 2009)).

Illi ghalhekk din il-Qorti ghal darb'ohra ma tikkondividix it-tezi tas-socjeta' rikorrenti illi seta' kien hemm vizzju fil-kunsens minhabba zball fis-sustanza u ghalhekk anke fuq din il-bazi it-talbiet attrici qed jigu michuda.

Illi jrid jinghad ukoll illi anke jekk kellu jirrizulta illi l-kunsens kien fil-fatt ivvizzjat, il-Qorti thoss illi fil-fatt tezisti rinunzja tad-dritt tas-socjeta` rikorrenti illi titlob r-rexissjoni tal-ftehim. L-**artikolu 1228 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** illi:-

*"It-twettiq jew ir-ratifika ma jgibux ir-rinunzja ghall-azzjoni ta' rexxissjoni, hlief meta jigi ppruvat li min wettaq jew ir-ratifika kien jaf bid-difett li jaghti jedd ghal dik l-azzjoni."*

Illi l-**artikolu 1229 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** ikompli illi:-

*"Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan, it-twettiq jew ir-ratifika jistghu jsiru tacitament bl-esekuzzjoni volontarja ta' l-obbligazzjoni li kontra taghha l-ligi taghti l-azzjoni ta' rexxissjoni, jew b'xi att iehor li juri l-intenzjoni li jinghata effett ghall-obbligazzjoni."*

Illi jirrizulta illi s-somma miftiehma fil-ftehim tat-22 ta' Novembru 2004 kellha tithallas f'pagamenti rateali fuq tnax-il xahar. Ma jirrizulta minn imkien fl-atti illi s-socjeta` rikorrenti fil-mument illi saret taf illi l-proceduri kontra d-direttur Ian DeCesare ma gewx irtirati, hija waqqfet il-pagamenti tas-somma miftiehma anzi jirrizulta illi hallset is-somma miftiehma (affidavit ta' Ian Decesare – Dok. "IDC" a fol. 39 *et seq*).

Illi f'dan l-isfond din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma illi ghal dawn ir-ragunijet ukoll it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ma humiex legalment sostenibbli u ghalhekk ma jistghux jintlaqghu u qed jigu michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt illi **tichad it-tielet eccezzjoni** tal-Korporazzjoni ntimata fejn hija eccepiet il-preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 1027 tal-Kodici Civili, (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta),** u filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni l-ohra tal-Korporazzjoni ntimata nkwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------